MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1137/2010

**Erremme Options Limited**
**C 30153**

**vs**

**Viel Company Limited**
**C 38217**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mija u sittax-il Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€616.55) rapprezentanti kwantu ghal sitt mija u wiehed Ewro u tmenin centezmu (€601.80) bhala drittijiet ghal servizz rezi lilha mis-socjeta' attrici; skond id-dokument anness ma l-avviz tat-talba markat bhala *Dok A* u kwantu ghal erbatax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€14.75) bhala spejjez ta' ittra legali; skond id-dokument anness ma l-avviz tat-talba markat bhala *Dok B.*

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta li li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta'konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u sittax-il Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€616.55) rapprezentanti kwantu ghal sitt mija u Ewro u tmenin centezmu (€601.80) bhala drittijiet ghal servizz rezi lilha mis-socjeta' attrici u kwantu ghal erbatax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€14.75), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------